**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IS-SUMMIT URĠENTI TAL-MEXXEJJA TAŻ-ŻONA EWRO LI LTAQA' NHAR IT-TNEJN, 22 TA' ĠUNJU 2015**

Nixtieq ninforma lil din il-Kamra dwar is-*summit* urġenti tal-mexxejja taż-Żona Ewro li sar ilbieraħ, it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2015 fi Brussell. Ftit qabel din il-laqgħa saret ukoll laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi tal-Eurogroup li għaliha attenda l-Ministru tal-Finanzi Malti.

Filwaqt li kien hemm ħafna li kkritikaw li dan is-*summit* urġenti qisu sar għalxejn, huwa ċar li t-tlaqqigħ ta' din il-laqgħa serva biex ċaqlaq lill-Gvern Grieg.

Kien biss fl-għodwa ta' din il-laqgħa li l-Gvern Grieg fl-aħħar bagħat dokument ta' azzjoni - aktar minn verżjoni waħda fil-verità - li l-istituzzjonijiet, jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, u l-Fond Monetarju Internazzjonali, flimkien mal-pajjizi taż-Żona Ewro, jistgħu jieħdu bis-serjetà.

Id-dokument imressaq mill-Gvern Grieg huwa l-aħjar wieħed li tressaq sa issa. Filwaqt li għad hemm differenzi ċari mal-istituzzjonijiet, fl-aħħar jidher li n-naħat kollha qed jitkellmu l-istess lingwa.

B'mod oġġettiv wieħed jista' jgħid li matul is-snin li għaddew kemm ilha fil-programm, il-Greċja għamlet sforz enormi ta' konsolidazzjoni fiskali. Dan kien ifisser effett enormi fuq il-ħajja tal-pajjiż. Il-problema hija li din il-konsolidazzjoni kienet sforz ta' miżuri ta' darba u ma kinitx akkumpanjata minn riformi li jagħmluhom sostenibbli. L-uniku riformi li saru kienu dawk mill-Gvern Grieg ta' qabel dwar is-suq tax-xogħol, u li l-Gvern Grieg preżenti kien qal li jrid ireġġa lura.

Huwa ċar li l-Unjoni Ewropea trid tasal mal-Greċja, iżda l-flessibilità għandha l-limiti tagħha. Diġà hemm konċessjoni li l-konsolidament fiskali u s-*surplus* primarju jitnaqqas għal livelli aktar sostenibbli.

Il-problema ewlenija kienet li l-Gvern Grieg ried jibbaża l-aġġustamenti tiegħu biss fuq aktar dħul, ħafna drabi bbażat fuq aktar taxxi jew fuq wegħdiet li tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa. Il-problema b'tal-ewwel hija li aktar taxxi tat-tip proposti ifixklu t-tkabbir ekonomiku, u biex ikun hemm soluzzjoni permanenti għall-Greċja hemm bżonn ta' tkabbir ekonomiku. Min-naħa l-oħra, ftit kien hemm passi konkreti fil-ġlieda kontra l-evażjoni.

Għall-ewwel darba l-Gvern Grieg qed jirrikonoxxi li hemm bżonn ta' miżuri oħra minbarra dawk imsemmija. Meta salarji, pensjonijiet u benefiċċji jgħoddu għal 75% tan-nefqa primarja tal-Gvern Grieg, bilfors li hemm bżonn ta' xi tip ta' intervent, ngħidu aħna fil-pensjonijiet, jew min-naħa ta' ħlasijiet jew min-naħa ta' kontribuzzjonijiet. Żgur li din mhux l-aktar soluzzjoni li hija socjalment ġusta, iżda li wieħed jaħseb li tista' tintervjeni biss fuq biċċa żgħira tal-ispiża u tagħmel differenza sostanzjali, ikollu problema ta' rikonoxximent tar-realtà.

Ovvjament hemm xorta diskussjoni dwar miżuri ta' tassazzjoni, pereżempju żieda fil-VAT f' oqsma speċifiċi u żieda f'taxxi oħra, pereżempju li titneħħa l-eżenzjoni fuq it-turiżmu lejn il-gżejjer Griegi.

Min-naħa tagħha l-Kummissjoni Ewropea, se tgħin biex taċċellera r-rata li biha l-Greċja tkun tista' tassorbi l-fondi Ewropej allokati lilha diġà.

Huwa ċar ukoll li f'xi ħin se jkun hemm bżonn ta' ristrutturar tad-dejn Grieg. Ħadd min-naħa Ewropea ma qed jaqbel li jinħafer xi dejn. Irrid ngħid li din mhix strateġija bla riskju għaliex jekk il-Greċja tfalli, ma tkunx kwistjoni li nitilfu parti mill-flus li l-Ewropa, inkluż Malta, tat lill-Greċja, iżda jintilef l-ammont kollu.

Iżda xi tip ta' ristrutturar ieħor tad-dejn irid isir.

Din tkun flessibilità aċċettabli u li twassal biex il-Greċja tibqa' fiż-Żona Ewro, jiġu salvati flusna, u l-Greċja jkollha kundizzjonijiet li veru tista' tosserva.

Sadattant, il-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod indipendenti, iddeċieda li jkompli jipprovdi likwidità lill-banek Griegi, li bħalissa jinsabu taħt pressjoni.

Il-pass li jmiss huwa li għada jkun hemm laqgħa oħra tal-Ministri tal-Finanzi tal-Eurogroup fejn idealment ikun hemm ftehim li mbagħad jigi ppreżentat waqt il-Kunsill Ewropew tal-Ħamis u Ġimgħa li ġejjin.